

Brussell, 28 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0337(NLE)**

---

13532/23  
ADD 6

ACP 87  
WTO 143  
COAFR 323  
RELEX 1100

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 559 final - ANNEX 6
Suġġett:	ANNEX għal Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn ir-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea min-naħa l-oħra

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 559 final - ANNEX 6.

---

Mehmuż: COM(2023) 559 final - ANNEX 6



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.9.2023  
COM(2023) 559 final

ANNEX 6

ANNEX

*għal*

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn ir-  
Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant minn naħa waħda, u  
l-Unjoni Ewropea min-naħa l-oħra**

## ANNEX VI

### DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-UE u tar-Repubblika tal-Kenja (il-Kenja) DWAR IL-KOOPERAZZJONI EKONOMIKA U GĦALL-IŻVILUPP SKONT DAN IL-FTEHIM

L-UE minn naħa waħda u l-Kenja min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejħa għall-finijiet ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta bħala "il-Partijiet".

Il-Partijiet jaqblu li l-prinċipji u l-proċeduri li ġejjin japplikaw għal dan il-Ftehim.

1. Il-Partijiet jagħtu importanza kbira lill-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-Ftehim, u lir-relazzjoni kummerċjali u għall-iżvilupp kontinwa bejniethom. Il-Partijiet għandhom relazzjoni produttiva u jistennew bil-ħerqa li jkomplu jiżviluppaw din ir-relazzjoni skont dan il-Ftehim.
2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-Parti V ta' dan il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Ekonomika u għall-Iżvilupp għandha tiġi interpretata u applikata f'konformità mal-Ftehim ta' Cotonou jew mal-ftehim suċċessur tiegħu. Il-Partijiet jaqblu li f'każ ta' xi inkonsistenza bejn id-dispożizzjonijiet tal-Parti V ("Kooperazzjoni Ekonomika u għall-Iżvilupp") ta' dan il-Ftehim u l-Ftehim ta' Cotonou jew il-ftehim suċċessur tiegħu, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou jew id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ftehim suċċessur tiegħu. Kull dispożizzjoni inkonsistenti ma' dan ta' hawn fuq ma għandhiex tkun applikabbli.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp f'firxa wiesgħa ta' setturi, u jtennu l-impenn tagħhom lejn l-iżvilupp sostenibbli u bbażat fuq ir-regoli. Din is-sħubija bbażata fuq il-valuri u ta' fiduċja għandha l-għan li tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku sostenibbli u lix-xogħol deċenti għal kulħadd u li tippromwovi tranżizzjoni ekoloġika inklużiva li tiffoka fuq l-oqsma diġitali, tal-klima, tal-enerġija u tat-trasport, appoġġjata minn investimenti intelliġenti, nodfa u sikuri kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat.

- (a) B'mod konsistenti mas-Sħubija ta' Busan għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, li saret f'Busan fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Partijiet jaqblu li jużaw u jappoġġjaw kif xieraq mekkaniżmi ta' twassil, fondi jew faċilitajiet nazzjonali jew reġjonali biex jidderieġu u jikkoordinaw ir-riżorsi għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.
- (b) Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tirriżulta fi sfidi, inkluż mill-impatt ta' tnaqqis tat-tariffi, li għandhom jiġu indirizzati, fost l-oħrajn, permezz ta' azzjonijiet ta' kooperazzjoni ekonomika u għall-iżvilupp imwettqa mill-UE. Sadattant, il-Partijiet jaqblu li mhu se jkun hemm l-ebda kumpens finanzjarju speċifiku mill-UE u li l-qafas kumpensatorju ma japplikax bejn il-Partijiet. Madankollu, din il-kwistjoni tista' tiġi proposta għal rieżami fil-Kunsill tal-FSE fuq talba tal-Kenja.

- (c) Il-Partijiet jaqblu li ma jkunux applikabbli d-dispożizzjonijiet relatati mal-Matriċi u mal-Parametru Referenzjarju f' dan il-Ftehim u l-Annessi tiegħu. Madankollu, il-Partijiet jaqblu li l-Matriċi, jew partijiet minnha, tista' tiġi applikata jew meħuda b'self sal-punt applikabbli filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet u l-parametri referenzjarji ta' investiment tal-Partijiet stess.
  - (d) Il-Partijiet jaqblu li d-dispożizzjonijiet relatati mal-Fond tal-FSE, inklużi dawk relatati mat-twaqqif u l-ġestjoni tiegħu, ma japplikawx bejniethom.
  - (e) Il-Partijiet jaqblu li dan il-Ftehim, inklużi referenzi għall-baġit tal-UE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-Ftehim ta' Cotonou jew il-ftehim suċċessur tiegħu, ma jinvolvi l-ebda obbligu finanzjarju għal xi waħda mill-Partijiet.
-